I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 617/2009

tat-13 ta' Lulju 2009

li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fid-dawl tal-interess tal-Komunità li tiżviluppa relazzjonijiet kummerċjali armonjużi ma' pajjiżi terzi, għandha ssir dispożizzjoni, bħala miżura awtonoma, sabiex tinfetaħ kwota tariffarja għall-importazzjoni Komunitarja ta' 20 000 tunnellata ta' laħam taċ-ċanga frisk, imkessaħ jew iffriżat ta' kwalità għolja.

(2) Skont l-Artikolu 144 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], moqri flimkien mal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, il-kwoti tariffarji għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament jinfetħu u jiġu amministrati mill-Kummissjoni taħt regoli dettaljati adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) ta' dak ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Hija b'dan miftuħa kwota tariffarja annwali, bin-numru tal-ordni 09.4449, għall-importazzjoni Komunitarja ta' 20 000 tunnellata, espressi f'piż tal-prodott, ta' laħam taċ-ċanga frisk, imkessaħ jew iffriżat ta' kwalità għolja li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-nri 0201, 0202, 0206 10 95 u 0206 29 91.

2. Id-dazji tal-importazzjoni għall-kwota msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ta' 0 %.

3. Is-sena tal-kwota għandha tibda mill-1 ta' Lulju u tispiċċa fit-30 ta' Ġunju.

Artikolu 2

Il-kwota tariffarja msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi amministrata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 144 u l-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2009 'il quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
E. ERLANDSSON

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.